Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 ta' Jannar 2025**

**Kump. Nru. 6128/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Versus**

**Ali Ahmed Mohammed**
**(Permess residenzjali: 9002592A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Ali Ahmed Mohammed** detentur ta' numru tal-pulizija 19U-029 u permess residenzjali Malti bin-numru 9002592A.

Akkuzat talli fid-19 ta' Lulju 2024 ghal habta ta' 16:00hrs u 18:00hrs gewwa Triq Antonio Doublet, Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' Pc 1036 Leeroy Bonnici, Pc 136 Glen Spagnol, Pc 2429 Mavrick Farrugia, Pc 2445 Matthias Pullicino, Pc 332 Owen Galea, Pc 50 William Zerafa waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil -hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artiklu 95 tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kif ukoll fl-istess zmien, lok, data u cirkostanza volontarjament ikkommetta serq ta' mobile liema valur ma jaqbizx il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Nasr Allah Derbas u dan bi ksur tal-artiklu 284 u 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif ukoll fl-istess zmien, lok, data u cirkostanza volontarjament ikkaguna hsara volontarja fuq mobile li jappartjeni lil Nasr Allah Derbas liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artiklu 325(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kif ukoll fl-istess zmien, lok, data u cirkostanza b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Volkswagen bin-numru ta' registrazzjoni CCI 874 li tappartjeni lil Stephanie Caruana liema hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500), izda jkun izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-artiklu 328(d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu.

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l-hati d-disposizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabilixxi l- ligi;

F'kaz ta' htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex thaddem kontra l- hati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tisrtabilixxi l-ligi;

F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' tal-partijiet lezi.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-*parte civile* Nasr Allah Derbas fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024, irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli u ddikjara li m'ghadx ghandu interess fil-kawza odjerna.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni ta' l-imputat kif ukoll ir-rinunzja tal-*parte civile* Nasr Allah Derbas.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 95, 284, 285, 289 u 325(c) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800) liema multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur millum.**

In oltre il-Qorti qed tordna illi ai termini ta' l-**Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hati ihallas is-somma ta' tlett mija u tnejn u**

**tletin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€332.35) lil** ***parte civile*** **Stephanie Caruana fi zmien sitt xhur (6) millum.**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **PC1036 Leeroy Bonnici, PC 136 Glen Spagnol, PC 2429 Mavrick Farrugia, PC 2445 Matthias Pullicino, PC 332 Owen Galea, PC 50 William Zerafa, Nasr Allah Derbas u Stephanie Caruana ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Ali Ahmed Muhammed** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jddejjaqx u ma jingurjax lil *parte civile* **PC1036 Leeroy Bonnici, PC 136 Glen Spagnol, PC 2429 Mavrick Farrugia, PC 2445 Matthias Pullicino, PC 332 Owen Galea, PC 50 William Zerafa, Nasr Allah Derbas u Stephanie Caruana.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lil hati Ali Ahmed Mohammed ghal hlas tas-somma ta' erba' mitt Euro u disgha u sebghin centezmu (€ 400.79) rappresentanti spejjez peritali.**

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**